**9 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Manuel *sive* Lolly Cassar

**Atti mibgħuta lill-Qorti tal-Maġistrati għas-Smigħ mill-**

## Ġdid - Aggravji - Kwerela

*Il-prattika tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali hi li f'ċerti każijiet, anke meta l-appell ikun sempliċement fuq il-meritu, jekk l-appell jintlaqa', is-sentenza tiġi mħassra u l-atti jiġu mibgħuta lura lill-Ewwel Qorti għal deċiżjoni mill-ġdid. Din il-prattika llum issib il-konfort ta' ġurisprudenza kopjuża.*

*Tali smigħ mill-ġdid u deċiżjoni ġdida naturalment jimportaw dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni ġdida tal-Qorti tal-Maġistrati. Ma hemm xejn fil-liġi li jirrestrinġi jew jillimita lill-appellant (sia jekk il-parti misjuba ħatja, u sia jekk l-Avukat Ġenerali jew il-kwerelant) fl-aggravji li jista' jqajjem f'dan it-tieni appell. Fi kliem ieħor, meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, flok ma tiddeċidi l-meritu, tibgħat l-atti lill-Ewwel Qorti għas-smigħ u deċiżjoni mill-ġdid, l-appell mid-deċiżjoni l-ġdida jista' jqajjem bħala aggravji punti li jkunu ġà tqajjmu fl-ewwel appell u ġew deċiżi bl-ewwel sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.*

*Il-proviso ta' l-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali japplika biss fil-każijiet ta' reati ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, espressjoni li dejjem ġiet ritenuta li tirreferi għal reati ta' kompetenza "oriġinali" ta' dik il-Qorti, jiġifieri dawk ir-reati msemmija fl-artikolu 370 (1) ta' l-istess Kodiċi jew reati msemmija f'xi liġi oħra li, b'disposizzjoni espressa, huma ta' kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*

*L-artikolu 390 (5) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li, f'ċerti każijiet, il-kwerela tkun preżunta li saret. Din id-disposizzjoni tapplika biss meta tkun saret kumpilazzjoni, jiġifieri jkun hemm kumpilazzjoni bil-bidu tagħha bir-rapport ġuramentat ta' l-uffiċjal tal-pulizija u bit-tmiem tagħha bid-deċiżjoni tal-Qorti Istruttorja li hemm jew ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex dak li jkun jitqiegħed taħt att ta' akkuża.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Manuel *sive* Lolly Cassar talli f'dawn il-Gżejjer, matul ix-xhur qabel l-14 ta' April, 1993, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn vettura numru X-4802 tal-marka Mazda b'valur li jeċċedi l-elfejn lira (Lm2,000) liema vettura hi proprjetà ta' Edlyn's Limited u li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-vettura jew li jsir użu minnha speċifikat;

Approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn vettura numru X-4971 tal-marka Opel b'valur li jeċedi l-elfejn lira (Lm2,000), liema vettura hi proprjetà ta' Emanuel Bonanno ta' Billy's Car Hire u li kienet ġiet fdata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-vettura li jsir użu minnha speċifikat;

Ukoll talli sar reċidiv fit-termini ta' l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi tal-Qorti tat-22 ta' Marzu, 1984 (Awla 6), ta' l-24 ta' Ottubru, 1985 (Awla 6), tat-22 ta' Ottubru, 1987 (Appell) u tas-27 ta' Novembru, 1989 (Appell);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Lulju, 1997, li permezz tagħha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Manuel *sive* Lolly Cassar mit-tielet imputazzjoni, iżda sabitu ħati skond l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal żmien tmien (8) xhur bit-tnaqqis ta' kull żmien li hu għamel taħt arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Manuel *sive* Lolly Cassar, minnu pprezentat fil-25 ta' Lulju, 1997; rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li fil-każ in diżamina ma hemmx il-kwerela rikjesta mil-liġi. L-imputazzjonijiet kontra l-appellant jipotizzaw ir-reat ta' approprjazzjoni indebita mingħajr iċ-ċirkostanzi aggravanti kkontemplati fl-artikolu 293 tal-Kap. 9 u *għalhekk, skond il-proviso ta' l-artikolu 293, ma* jistax jinbeda l-proċediment kriminali mingħajr il-kwerela tal-parti. F'dan il-każ dan l-aggravju *jqajjem punt ta' dritt ferm* interessanti, u dan għar-raġunijiet segwenti:

Bis-sentenza tagħha tat-**13 ta' Marzu, 1996**, il-Qorti Inferjuri kienet illiberat lill-imsemmi Manwel *sive* Lolly Cassar mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu proprju minħabba n-nuqqas ta' kwerela. L-Avukat Ġenerali appella. *Din* il-Qorti, jiġifieri l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, diversament ippresjeduta, bis-sentenza tagħha tas-**16 ta' Mejju, 1997**, kienet laqgħet dak l-appell fis-sens li ddeċidiet li l-kwerela kienet preżunta minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 390 (5) tal-Kodiċi Kriminali. Biex ma tipprivax lill-appellat (l-appellant odjern) mill-benefiċċju tad-doppju eżami, din il-Qorti ma kinitx għaddiet biex tisma' l-kawża hi fil-meritu, iżda bagħtet l-atti lill-Ewwel Qorti "għas-smigħ u deċiżjoni skond il-liġi". Bis-sentenza tagħha tas-**16 ta' Lulju, 1997**, il-Qorti tal-Maġistrati *(Malta), wara li semgħet ix-xhieda ta' l-imputat (li ma kienx* preċedentement xehed) u wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, sabet lill-appellant ħati skond l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. L-ewwel punt li jrid jiġi deċiż hu jekk l-appellant jistax jerġa' jqajjem bħala aggravju l-kwistjoni tal-kwerela li kienet diġà ġiet deċiża minn din il-Qorti bis-sentenza tas-16 ta' Mejju, 1997;

Fil-fehma tal-Qorti, ir-risposta għal dan il-kweżit trid tiġi inferita minn dak li jipprovdi l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali. Dana l-artikolu jipprovdi dwar is-setgħat tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ċjoè dwar kif din il-Qorti tiddisponi mill-appelli: jekk hux billi tħassar is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u tibgħat kollox lura lil dik il-Qorti, jew inkella billi tiddeċidi hi l-kawża fil-meritu. Issa ma hemmx dubbju li dana l-ewwel aggravju ta' l-appellant ma jqajjimx kwistjonijiet ta' kompetenza, u għalhekk mhumiex applikabbli is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 428 kif ukoll is-subartikoli (3), (4) u (5) in kwantu jirreferu għal kwistjonijiet ta' kompetenza. In-nuqqas tal-kwerela, meta tali kwerela hi meħtieġa skond il-liġi sabiex ikun jista' jinbeda l-proċediment, anqas ma tista' titqies bħala kwistjoni ta' sempliċi formalità; f'każ bħal dan il-kwerela hi l-presuppost proċedurali li jolqot l-essenza tal-proċediment, u ċjoè jekk il-proċediment jistax jinbeda jew le, u għalhekk jinċidi direttament fuq il-meritu tal-kawża. Għalhekk mhumiex applikabbli l-imsemmija subartikoli (3), (4) u (5) in kwantu jirreferu għall-ksur jew nuqqas ta' xi formalità. L-appell ta' l-Avukat Ġenerali kellu jitqies bħala appell fuq il-meritu, u kellu jiġi deċiż skond ma jipprovdi s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 428, u ċjoè billi din il-Qorti "twettaq, tbiddel jew tħassar is-sentenza li minnha jkun sar appell". F'din l-espressjoni hemm impliċità s-setgħa ta' din il-Qorti li tiddeċidi l-meritu anke f'każ meta, fuq appell ta' l-Avukat Ġenerali minn sentenza liberatorja, dik is-sentenza liberatorja tiġi mħassra. Fi kliem ieħor, din il-Qorti, fuq l-appell ta' l-Avukat Ġenerali mis-sentenza tat-13 ta' Marzu, 1996, strettament kellha, wara li tħassar is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, tgħaddi biex tiddeċidi l-meritu hi stess, u mhux tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti;

Il-prattika ta' din il-Qorti, iżda, hi li f'ċerti każijiet anke meta l-appell ikun sempliċement fuq il-meritu, jekk l-appell jintlaqa' s-sentenza tiġi mħassra u l-atti jiġu mibgħuta lura lill-Ewwel Qorti għal deċiżjoni mill-ġdid. Din il-prattika llum issib

*il-konfort ta' ġurisprudenza kopjuża. Din il-linja ġeneralment* tittieħed minn din il-Qorti meta tkun tal-fehma li, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dak il-każ ikun jimmerita smigħ mill-ġdid quddiem l-Ewwel Qorti, b'tali mod li jkun jista' jingħad li l-partijiet fil-kawża - u speċjalment *il-parti lliberata mill-Ewwel* Qorti - ma jkunux ġew imċaħħda mill-benefiċċju (mhux dritt) tad-doppju eżami. U huwa proprju din il-linja li ħadet din il-Qorti (diversament ippresjeduta) meta, bis-sentenza tagħha tas-16 ta' Mejju, 1997, ħassret is-sentenza liberatorja tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u bagħtet il-kawża lura lil dik il-Qorti "għas-smigħ u deċiżjoni skond il-liġi". B'tali proċedura din il-Qorti kienet effettivament qed tordna smigħ tal-kawża mill-ġdid quddiem il-Qorti Inferjuri għalkemm tali smigħ mill-ġdid ma kienx strettament meħtieġ;

*Tali smigħ mill-ġdid u deċiżjoni ġdida naturalment* jimportaw dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni ġdida tal-Qorti tal-Maġistrati. Ma hemm xejn fil-liġi li jirrestrinġi jew jillimita lill-appellant (sia jekk il-parti misjuba ħatja u sia jekk l-Avukat Ġenerali jew il-kwerelant) fl-aggravji *li jista' jqajjem f'dan it-*tieni appell. Fi kliem ieħor, qed jiġi deċiż li meta din il-Qorti, flok ma tiddeċidi l-meritu kif suppost li tagħmel, tibgħat l-atti lill-Ewwel Qorti għas-smigħ u deċiżjoni mill-ġdid, l-appell mid-deċiżjoni l-ġdida jista' jqajjem bħala aggravji punti li jkunu ġà tqajjmu fl-ewwel appell u ġew deċiżi bl-ewwel sentenza ta' din il-Qorti. Għalhekk din il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravju mqajjem mill-appellant fir-rikors tiegħu tal-25 ta' Lulju, 1997 dwar in-nuqqas ta' kwerela;

Ma hemmx dubbju li f'dan il-każ ma saritx il-prova tal-kwerela. *La ġiet esebita l-korrispondenza bejn iż-żewġ car hiring firms* u l-pulizija biex jiġi aċċertat li tali korrispondenza kienet tinkludi talba sabiex il-pulizija jipproċedu kontra l-preżunt awtur tad-delitt; u meta xehdu r-rappreżentanti tad-ditti in kwistjoni, ma saritilhom *ebda mistoqsija dwar jekk huma*

kinux talbu u għadhomx qed jinsistu fuq il-proċediment. Anqas ma hemm dubbju li f'dan il-każ il-proviso ta' l-artikolu 373 ma japplikax: *dan il-proviso japplika biss fil-każ ta' "reati ta'* kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja" (illum "Qorti tal-Maġistrati (Malta)" jew "Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)", skond il-każ), espressjoni li dejjem ġiet ritenuta li tirreferi għal reati ta' kompetenza "oriġinali" ta' dik il-Qorti, jiġifieri dawk *ir-reati msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370 tal-*Kodiċi Kriminali jew reati msemmija f'xi liġi oħra li, b'disposizzjoni espressa, huma ta' kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Ir-reat in diżamina - approprjazzjoni indebita - mhuwiex wieħed minnhom peress li l-piena teċċedi s-sitt xhur priġunerija. Però din il-Qorti anqas ma tista' taqbel li l-kwerela kienet presunta a bażi ta' l-artikolu 390 (5) (kif ritenut fl-ewwel deċiżjoni ta' din l-Qorti, ċjoè dik tas-16 ta' Mejju, 1997). Din id-disposizzjoni tapplika biss meta <u>tkun saret kumpilazzjoni</u>, jiġifieri jkun hemm kumpilazzjoni bil-bidu tagħha bir-rapport ġuramentat ta' l-uffiċjal tal-pulizija u bit-tmiem tagħha bid-deċiżjoni tal-Qorti Istruttorja li hemm jew ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex dak li jkun jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fil-każ in diżamina ma jistax jingħad li saret kumpilazzjoni, għax fil-kors ta' l-interrogatorju ta' l-imputat mill-Qorti (sa dak l-istadju, Qorti Istruttorja) hu ġie mistoqsi jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u hu wieġeb li m'għandux, u l-prosekuzzjoni esebiet ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali għall-proċedura sommarja (artikolu 370 (4)), b'mod li dik il-Qorti, fil-bidunett ta' l-Istruttorja, ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u l-kawża instemgħet mhux bħala kumpilazzjoni iżda bħala waħda sommarja. Għandu raġun, għalhekk, l-appellant jgħid li f'dan il-każ ma kienx japplika l-artikolu 390 (5) tal-Kodiċi Kriminali. Għandu jiġi osservat ukoll li anke wara li l-atti kienu reġgħu ntbagħtu lill-Ewwel Qorti sabiex tisma u tiddeċidi *l-kawża mill-ġdid, il-*prosekuzzjoni baqgħet ma għamlet ebda tentattiv biex

tipproduċi prova tal-kwerela;

*Għall-motivi* premessi, tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant *u* konsegwentement tilqa' ukoll l-appell tiegħu u *tirriforma* s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni (tar-reċidiva), tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati skond l-ewwel żewġ imputazzjonijiet kif ukoll fejn ikkundannatu tmien xhur priġunerija, b'mod għalhekk li tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

---